

Qrati speċjalizzati - Italja



Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna. Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: [it](#) diġà ġew tradotti.

Din it-taqsimha tipprovdi informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tal-qrati speċjalizzati fl-Italja.

Qrati speċjalizzati

L-Artikolu 102 tal-Kostituzzjoni jipprojbixxi l-istabbiliment ta' qrati ġodda 'straordinarji jew speċjali'. **Madankollu, fl-ambitu tal-entitajiet ġurisdizzjonali ordinarji, diviżjonijiet** jistgħu jiġu stabbiliti li jkunu jispeċjalizzaw f'setturi speċifiċi – jiġifieri, fil-preżenza tal-istess ġudikanti u ċ-ċittadini kwalifikati li ma jkunux membri tal-ġudikatura (pereżempju, id-diviżjonijiet agrarji speċjalizzati).

Ċerti qrati speċjali huma, fi kwalunkwe eventwalità, stabbiliti bl-Artikolu 103 tal-Kostituzzjoni. Dawn jinkludu l-qrati amministrattivi, il-qorti tal-Awdituri tal-Istat u l-qrati militari, li ġew stabbiliti qabel ma l-Kostituzzjoni daħlet fis-seħħ.

Il-Qrati Militari (*tribunali militari*), li għandhom il-ġurisdizzjoni biex quddiemhom jinSTEMGħu reati militari mwettqa minn membri tal-forzi armati, huma separati mill-ġudikatura ordinarja, u huma amministrati minn entità li tirregola lilha nfisha li jissejjaħ il-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura Militari (*Consiglio Superiore della Maġistratura Militare*).

Il-qrati amministrattivi

Il-qrati amministrattivi jittrattaw tilwim bejn partijiet privati u l-awtoritajiet pubbliċi rigward deċiżjonijiet li jittieħdu mill-amministrazzjoni pubblika

Il-qrati amministrattivi jikkunsidraw jekk miżura amministrattiva ittehdix kif suppost; huma ma jidħlux fil-meritu ta' jekk il-miżura hi opportuna. Rikors quddiem qorti amministrattiva titlob lill-qorti biex tirrevoka miżura amministrattiva abbażi tal-fatt li hija vizzjata minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni (*incompetenza*), ksur tal-liġi (*violazione di legge*), jew abbuż ta' poter (*eccesso di potere*).

Bħala regola ġenerali, it-test li jiddistingwi l-ġurisdizzjoni ta' qrati ordinarji mill-ġurisdizzjoni tal-qrati amministrattivi hija n-natura tad-dannu invokat, jiġifieri jekk il-miżura amministrattiva tiksirx dritt (*diritto soggettivo*) jew biss interess leġittimu (*interesse legittimo*): il-qrati amministrattivi jisimgħu kawżi li jinvolvu interessi leġittimi, għalkemm hemm ukoll xi oqsma oħra fejn dawn għandhom ġurisdizzjoni esklussiva.

Il-korp ta' ġudikanti amministrattivi li jirregola lillu nnifsu huwa l-Kunsill tal-Preżidenza tal-Ġudikatura Amministrattiva (*Consiglio di Presidenza della Maġistratura Amministrativa*).

- **Il-Qrati amministrattivi reġjonali** (*tribunali amministrativi regionali*) huma qrati tal-ewwel istanza;
- **il-Kunsill tal-Istat** (*Consiglio di Stato*) huwa qorti tat-tien'istanza.

Il-Qorti tal-Awdituri u l-awtoritajiet fiskali għandhom il-ġurisdizzjoni fil-każi amministrattivi f'ċerti materji speċifiċi

Il-Qorti tal-Awdituri (*Corte dei Conti*) tikkonsisti minn imħallfin u prosekuturi. Li huma speċjalizzati fil-kontabbiltà. Ġie stabbilit l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali (*Ufficio del procuratore generale*) b'funzjonijiet investigattivi u dan ġie marbut ma' din il-qorti. Dan l-aħħar saret riformata, u l-Qorti issa għandha diviżjonijiet reġjonali indipendenti (*sezioni regionali*) li jwettqu funzjonijiet ta' ġudizzju u ta' awditjar fl-oqsma tagħhom.

Il-korp tal-Qorti li jirregola lillu nnifsu huwa l-Kunsill tal-Preżidenza (*Consiglio di Presidenza*).

Il-Qorti tal-Awdituri għandha l-kompetenza sabiex:

- tirrevedi bil-quddiem il-konsistenza mal-liġi fir-rigward ta' sensiela wiesgħa ta' miżuri meħuda mill-gvern u entitajiet pubbliċi oħra

- teżamina l-ġestjoni finanzjarja u l-assi tal-amministrazzjonijiet pubbliċi
- tiddeċiedi dwar kwistjonijiet bħal kontijiet pubbliċi, pensjonijiet u r-responsabbiltà tal-impjegati tal-gvern u tal-uffiċjali tal-Istat jew ta' entitajiet pubbliċi oħra.

L-awtoritajiet fiskali (*commissioni tributarie*) għandhom ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet li jirrigwardaw it-taxxi.

Bażijiet tad-dejta legali

Fuq il-websajt tal-[qrati militari](#), tista' ssib notamenti storiċi u informazzjoni dwar il-proċedimenti. Huwa wkoll possibbli li ssib rekords dwar il-każijiet kriminali ewlenin tal-gwerra (proċedimenti storiċi biss).

Is-sit elettroniku tal-[qrati amministrattivi reġjonali u l-Kunsill tal-Istat](#) joffri aċċess bla ħlas għall-kalendarju tas-seduti, kif ukoll għat-test integrat ta' sentenzi, deċiżjonijiet u digriet i f'filwim bejn l-awtoritajiet pubbliċi u partijiet privati rigward miżuri li jittieħdu mill-amministrazzjoni pubblika.

Għal finijiet ta' protezzjoni tad-dejta, ir-riċerka dwar appelli attwali hija ristretta b'ċerti rekwiżiti.

Is-sit elettroniku tal-Qorti tal-Awdituri jippubblika d-deċiżjonijiet u s-sentenzi ewlenin tagħha. Dawn huma miftuħa għall-pubbliku bla ħlas

Is-sit elettroniku tal-Qorti tal-Awdituri jiffunzjona wkoll bħala portal għat-taqsimiet territorjali tal-Qorti, u fiha ħafna informazzjoni dwar il-kompetenzi u l-funzjonijiet ta' dawn l-organi

Isem u URL tal-bażi tad-dejta

- [Taqsim tal-ġustizzja militari tas-sit elettroniku tal-Ministeru tad-Difiża](#)
- [Is-sit elettroniku tal-qrati amministrattivi](#)

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-aħħar aġġornament: 02/04/2019